# Il-familja Grech 'Tal-Mugrin'

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Meta ssemmi il-familja Grech 'Tal-Mugrin' ġewwa San Ġiljan kulħadd jgħidlek li xi darba jew oħra sema' biha. Dil-familja numeruża kienet toqgħod fi Triq Sant' Anġlu u niesha kienu sidien tal-kalkara tal-ġir li kien hemm fuq Wied Għomor 'il ġewwa nett. Għal snin sħaħ kienet tfornu 'l Malta kollha bil-kwalità tajba tal-materjal li kienet tipproduċu. Ġara iżda, li fit-80ijiet il-kalkara ntfiet għal dejjem, (a) minħabba li l-iżvilupp tal-bini f'dawk l-inħawi kien qabad f'daqqa u sewwa u d-dħaħen bdew idejqu lill-ġirien, u (b) għax imbagħad ġiet li kull wieħed mill-aħwa li joħroġ bil-pensjoni ma jiġġeddidlux il-permess, imma jaqa' biss fuq il-bqija tal-aħwa sakemm jispiċċaw l-aħwa kollha wieħed wara l-ieħor.

Kliem muftieħ: San Ġiljan, 'Tal-Mugrin', Kalkara tal-ġir, Wied Għomor, Mro. Angelo Pullicino, Każin Banda 'San Ġiljan' San Ġiljan.

Fir-ritratt jidhru l-ħamest aħwa 'Tal-Mugrin' bl-uniformi sajfija li kienet ġiet mżanżna fl-14 ta' Ġunju 1953 għall-okkażjoni tal-50 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Banda San Ġiljan A.D. 1927.



Wenzu Salvu Ninu Frankie Ġillu

L-aħwa Grech kienu tnax – 9 subien u 3 bniet: Kelinu, Ġillu, Salvu, Ninu, Wenzu, Franky, Leli, Pawlu, Karmnu, Ineż, Ġuża u Stella. (Fejn stajt, qgħedthom fl-ordni skont id-data tat-twelid). Kienu nies twajbin ħafna u *very down to earth*, u baqgħu qishom aħwa żgħar, dejjem ma' xulxin. Frans Grech (iben Ġillu) jgħid li l-laqam 'Tal-Mugrin' intiret mingħand nannuh stess, u jżid jgħid li qabel, jerga', kienu jsibuh bħala 'Tal-Bellu Fidil' u li hemm storja twila kif ġie dal-laqam. Min-naħa tagħha, omm Sunny Xerri, Ġuża, tgħid li missierha kien wieħed minn dawk l-akkaniti l-kbar tal-festa tant li kien saħansitra jerfa' wkoll fil-vara titulari ta' San Ġiljan. U dak iż-żmien, minħabba l-pika li kien hemm bejn il-partitarju tal-*King's Own* u dawk ta' *La Valette*, mhux l-ewwel darba li kienet tinqala' xi ġlieda kbira! Jingħad ukoll, li missierhom kien miet żgħir, xi ħaġa fuq it-tletin, u ommhom kienet mietet fl-1971.



Il-kalkara huwa forn kbir fejn jinħaraq ir-ramel biex isir il-ħġieġ jew jinħadem il-ġir (bl-Ingliż: *lime kiln*). Il-ġir ġej minn ħaġra li titfarrak u li minnha jsiru bosta xorti fosthom il-kalċju, li hu xorb mediċinali u li jingħata lit-tfal żgħar meta jiġu biex itellgħu d-dras. Għandna mbagħad il-ġir verġni, għax hekk jissejjaħ meta jkun għadu ma tħallatx bl-ilma. Il-kelma ġir tintuża wkoll mal-kelma kalkara, li fil-każ tagħna jinħaraq għall-ħtiġijiet industrijali. Tista' tgħid li, il-kalkara 'Tal-Mugrin' li kien hemm f'Wied Għomor ġo San Ġiljan ma kienx hawn waħda ikbar minnha ġo Malta kollha, għax minbarra li kienet binja waħda b'ħamest iċmieni, l-aħwa kienu numerużi u beżlin. U għalkemm mhux magħruf kemm kien ilha hemm, nafu li din kienet taħdem anke fiż-żmien il-Gwerra tant li ħadd mill-aħwa ma kien inġabar bil-lieva. U minħabba l-ħbit mill-ajru kienu jgħattu il-bokka taċ-ċumnijia biex in-nar ma jidhirx ħiereġ minnha. Għall-bidu, il-kalkara 'Tal-Mugrin' kienet bdiet minfejn it-torri ta' Tas-Sliema fejn kien hemm ir-razzett fin-niżla, illum Ġnien l-Indipendenza. Imbagħad, meta ra li qedin ġo Tas-Sliema u n-nies dejjem nieżla tgħum hemmhekk, missierhom kien iddeċieda li jixtri ħdejn ir-*Rocky Vale*. (Fir-ritratt ta' hawn fuq jidhru l-aħwa 'Tal-Mugrin' ġol-kalkara.)

Il-mod ta' kif kienu jitqassmu l-aħwa 'Tal-Mugrin' fuq il-lant tax-xogħol kien ġie waħdu. Kelinu, ngħidu aħna, minbarra li kien ifettaħ il-ġir u jagħżqu, kien iżomm il-kotba *up-dated* ħafna, għax peress li kien il-kbir fost ħutu, kien ukoll l-imgħallem tagħhom. Pawlu kien inkarigat biex jagħti n-nar lill-kalkara, u ma jħalli 'l ħadd iqabbadha floku, filwaqt li Salvu kien ikun isfel, jagħżel u jxarrab, u joħroġ il-ġebel wil-faħam minn taħt. Ġillu kien iġib il-vjaġġi bil-ġebel minn barriera, is-Sagħjtar, limiti tan-Naxxar, u kellu taħt idejh ix-xogħol tal-Gvern. Ix-xogħol tal-partikular, bħal mhu tal-bajjâda imbagħad, kien jaqa' taħt Wenzu. Karmnu u Leli kienu joħorġu bil-vjaġġi tal-ġir. U għal kull xorta ta' ġarr kellhom tliet trakkijiet għad-dispożizzjoni tagħhom. Xogħol li kienu jagħmlu l-aħwa kollha kien li jagħżlu l-ġebel billi jneħħuh minn ġol-faħam, biex meta kont titfagħlu l-ilma kien jiġi ġir abjad, u dak li jifdal kien jissejjaħ ġir iswed tajjeb għal madum.



L-aħwa subien 'Tal-Mugrin' kollha tista' tgħid kienu jdoqqu xi strument mal-Banda San Ġiljan. Kif jispjega tajjeb Frans: 'Wieħed irid jifhem il-għala l-aħwa Grech kienu bandisti tajbin, għax dawn kienu jaħdmu fil-kalkara tal-ġir u kienu jibdew fit-tlieta ta' filgħodu u ma' nofsinhar imorrulek id-dar, jieklu u jmorru jorqdu. Imbagħad kien jitla' Anġlu Pullicino fuq il-flanella (ħwejjeġ ħfief) għand in-nanna (omm Ġillu), fejn kellha bitħa kbira, u filwaqt li jixorbu xi qatra nbid kienu jiddeċiedu li jgħaddu xi biċċa mill-*Boheme*, u meta kienu jiġu għall-provi mal-oħrajn ovvjament li kienu jkunu ppreparati tajjeb minn qabel.' U meta ma kienx ikun żmien l-insib, Ġużi Grech 'Il-Marmarà', peress li kien joqgħod tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minnhom, kien imur jistudja d-dar tagħhom. Ikompli jirrakkonta Ġużi: 'Mad-9.30 jew l-10.00 ta' filgħodu, l-ewwel konna ngħaddu l-marċi, jew xi biċċa opra milli nkuna ħa ngħaddu, imma aktarx marċi, u kulħadd itieha ġol-kamra fuq. U Persey, il-pulizija li kien joqgħod Strada Karmni, min jaf kemm-il darba kien jitla' għalina jħabbtilna l-bieb biex iħarrikna! Imbagħad kien tana ħinijiet eżatti biex ma niskorrux il-11.30 ta' filgħodu u qabel l-4.00 ta' waranofsinhar ma nibdewx, ħallieha li filgħaxija mbagħad ma tantx konna niltaqgħu. Ximindaqqiet ukoll, konna mmorru s-Sależjani, nagħmlu prova magħhom, jew ma' Stella Maris.'



(Fir-ritratt ta' fuq, meħud wara l-gwerra, aktarx fil-50ijiet, jidhru wħud mill-aħwa 'Tal-Mugrin' jippużaw għal ritratt fi Spinola quddiem il-*Vauxhall Wyvern*. Fir-ritratt ta' isfel jidher Ġużi Grech 'Il-Marmarà' bil-kornu f'idu.)

Il-Ktieb tal-Miżati tal-Banda San Ġiljan: F'dan il-ktieb hemm imniżżlin il-ħlasijiet li kienu saru mis-soċji xahar b'xahar għall-għaxar snin bejn is-snin 1951-61. Il-ktieb jinkludi mhux biss is-soċji skont l-isem u l-kunjom tagħhom, imma wkoll bil-laqam ħdejhom u l-indirizz ta' fejn kienu joqgħodu. Dan it-tagħrif hu ta' fejda kbira għar-riċerka tagħna. Hekk mela nsibu li, sa l-1951 l-aħwa Pawlu u Kelinu kienu ġa soċji. Erba' snin wara, jiġifieri fl-1956, ingħaqdu magħhom erbat aħwa oħra: Wenzu, Ninu, Salvu u Franky. Għalkemm Ġillu ngħaqad magħhom sena biss wara, ma jfissirx li dan ma kienx ġa soċju qabel u ħareġ, u mbagħad reġa' daħal (wieħed irid jiftakar li Ġillu kien wieħed mill-ewwel bandisti sa mit-twaqqif tal-Banda fl-1927). Fl-1958 daħal soċju wkoll ħuhom Karmnu. Fl-1959 insibu lit-tmint aħwa jħallsu l-miżati għal sena sħiħa, imma s-sena ta' wara dawn ma tħallsux, ħlief għal Kelinu, Pawlu u Franky, tant li fil-kolonni fejn soltu jiffirma l-kaxxier tħallew vojta. Is-sitwazzjoni baqgħet l-istess għas-sena ta' wara, għalkemm Karmnu baqa' jħallas il-menswalità tiegħu. Dan jindika li xi ħaġa bilfors kienet ġrat biex ma baqgħux iħallsu l-miżati dovuti.

Niltaqgħu mal-aħwa 'Tal-Mugrin':



Kelinu Grech (?-?) kien il-kbir fost l-aħwa. Għalkemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' daqq ftit li xejn nafu dwaru, skont Costantino Borg, anzjan mir-raħal, Kelinu kien idoqq il-kurunetta. Nafu wkoll li sa l-1951 Kelinu kien ġa miżżewweġ u joqgħod fi triq il-Karmnu, San Ġiljan. Dan jirriżulta mill-ktieb tal-miżati fejn hu, bħala soċju tal-istess Każin, kien diġà, jew beda, iħallas il-menswalità għal dik is-sena.



Ġiljan Grech (1917-21.iv.1998) kien miżżewweġ lil Ġuditta u minnha kellu ħamest ulied. Skont ibnu Frans, **'**Ġillu kien trumbun kantabbli u jaqra fil-kjavi tal-vjolin mal-*Althorns*, tant li s-solijiet hu kien jagħmilhom għax dawn dari fuq dal-istrument kien isiru. Wis-Surmast Pullicino tgħidx kemm kellu bokka bih għax jaf li kien kapaċi, u għaldaqstant ħafna baned kienu jaqilgħuh.' Frans jgħid ukoll li, missieru 'kien magħmul mistħi, imma bellagħlu żewġ grokkijiet wiski u malajr kien jinħall!' Huwa jiftakru dejjem itieha fit-tromba tat-taraġ. Skont Frans ukoll, 'Ġanni Mamo 'Il-Badajda' biss kien jiqaflu għat-trumbun lil missieru – għax it-tnejn kienu żewġ trumbuni!' U għalkemm Frans ma jdoqq l-ebda strument, jaf li, filwaqt li xogħol it-trumbuni huwa li jżommu l-akkordji permezz tal-akkumpanjament tagħhom, missieru kien aktar mitfuħ fuq il-melodija. Dan ifisser li, filwaqt li t-trumbuni jkunu sejrin *um-pa*, missieru kien ikun għaddej fuq il-kuntrakant. Frans jissobieh li mill-kotba tal-mużika li fuqhom kien jistudja missieru ma fadal xejn minnhom għax ommu kienet tarmi kollox! Ġillu miet fl-età ta' 81 sena nhar il-21 ta' April 1998. Tajjeb li ngħidu hawnhekk ukoll, li Anġlu Pullicino kien fil-fatt għamilha ta' parrinu lil Frans, għax missieru, Ġillu, kienu ħafna ħbieb ta' xulxin tant li kienu joħorġu flimkien.

Fost il-ħafna aneddoti marbutin ma' Ġillu inġibu biss din li ġejja minn fomm Frans stess: 'Darba fost l-oħrajn il-Banda San Ġiljan kienet marret iddoqq Ħaż-Żebbuġ u waqt li kienu qedin jikkunċertaw xi selezzjoni inzerta kien hemm tliet surmastrijiet, il-Maġġur Aquilina, Dadu Gatt u Amante Attard. U dan Amante, bniedem edukat u gustuż tgħidx kemm, hekk kif Anġlu spiċċa mill-prova, qallu: "Għandek ir-ram fuq wara ħadida Mast! Tista' tmur kulfejn trid bihom." Anġlu wieġbu: "Dawk aħwa tafx. Dak armat sa snieni bihom. Kollha kapaċi jdoqqu." Qabeż Dadu, naqra waħda pastaż, u qallu: "Għandek l-ikbar kanna li jista' jkollha banda." U Anġlu staqsieh: "Il-Għala?" Dadu wieġbu: "Għax jekk jitlaqlek wieħed tispiċċa bla ram fuq wara"' Fejn qatt kien jobsor Anġlu li snin wara kellu jiġi fi kliem Dadu! (Fir-ritratt, il-qoxra tal-librett li fuqha hemm il-firma ta' Ġiljan Grech.



Salvu Grech (1923-18.iv.1990) kien miżżewweġ lil Helen u minnha kellu tliet ulied. Huwa kien idoqq l-Ewfonju mal-Banda San Ġiljan. Skont Frans 'kien ewfonju tajjeb tant li kien idoqq mal-King's Own, Adeodato Gatt u Wiġi Bongailas. Kien l-unika wieħed miz-zijiet li jaqra *prima vista*, filwaqt li t-tlieta l-oħra kont l-ewwel ridt titilqilhom il-partitura f'idejhom, imbagħad mat-tielet darba kienu jaqrawha tajjeb. Kienu jaqilgħuh il-baned il-kbar, sa ma' ta' Ħaż-Żebbuġ (Adeodato) u taż-Żurrieq (Buġeja).' Huwa miet nhar it-18 ta' April 1990 fil-għomor ta' 67 sena.

Frans jirrakkonta dil-ġrajja li ġejja li għaliha hu kien preżenti: 'Missieri u z-ziju Salvu kienu waqt prova meta f'ħin minnhom is-Surmast Aquilina ġibed l-attenzjoni lil Salvu: "Hawn int, tal-ewfonju, erġa' rrepetieha dik." Qallu: "Erġa." U mat-tielet darba qallu: "Qed tagħmilha ħażin!" Salvu wieġbu: "Imma Mast, jien hekk għandi miktub hawn." U Aquilina biex jitkessaħ, għamel xi mossa lill-bandisti biex mingħalih iwaqqgħu għaċ-ċajt, filwaqt li għamel tabirruħu ser inewwel il-partitura lil Salvu biex jirranġalu n-nota l-ħażina. U Salvu, filwaqt li qabad il-lapis f'idu, qallu: "Indaħħallek dal-lapis ġo griżmejk … in-nota int irranġaha għax int is-Surmast! … Għalfejn qed tegħmiżhom lil dawk? … Biex twaqqagħni għaż-żufjett? … Ara x'għandi miktub … Kun raġel." U Aquilina mar biex jiċċekkja l-partitura u sab li Salvu kellu raġun! U hawn Aquilina talab lil Salvu biex jaħfirlu għan-nuqqas tiegħu, anke jekk Salvu baqa' jirsisti li kien id-dover tas-Surmast li jirranġa l-partitura!'



Anthony (Ninu) Grech (1929-26.iii.1992) kien miżżewweġ u kellu tifla waħda jisimha Josephine. Skont Frans, 'Ninu kien *Althorn* tajjeb, speċjalment fl-aħħar, meta reġa' beda jdoqq. Kien stmat ħafna mal-bandisti, saħansitra minn Aquilina meta kien Surmast tal-banda ta' Sant' Antnin, B'Kara. Għamel xi żmien kien waqaf idoqq, imma meta mbagħad bintu tfarfret kien ddeċieda li jerġa' jibda, u anke jekk nifsu maqtugħ, in-nota kien iġibha xorta waħda. Aquilina tgħidx kemm kien iħobbu liz-ziju Nin.' Tajjeb li ngħidu li Ninu kien ukoll il-parrinu tan-neputi tiegħu, Sunny Xerri. Huwa miet nhar is-26 ta' Marzu 1992 fil-għomor ta' 67 sena.



Lorenzo (Wenzu) Grech (1929-19.iv.1995) kien miżżewweġ lil Giovanna u minnha kellu t-tfal. Għalkemm Wenzu kien idoqq mal-Banda San Ġiljan, Frans ma tantx kellu xi jgħid ħafna fuqu ħlief li '... kien idoqq l-*Althorn*. Kien passabbli, imma mhux it-tip ta' Ġillu u Salvu.' Huwa miet nhar id-19 ta' April 1995 fil-għomor ta' 66 sena.



Franky Grech (25.xii.1930-2.v.2005) twieled nhar il-Milied u huwa l-iżgħar fost l-aħwa. Kellu tliet ulied: Josette, Sandra u Mark. Franky kien idoqq is-Saksofon Alto u l-qniepen (*tubular bells*) mal-Banda San Ġiljan. Huwa miet nhar it-2 ta' Mejju 2005 fil-għomor ta' 74 sena.

Meta niġu mbagħad għal Emanuel (Leli) Grech (?-?) ftit li xejn nafu dwaru għax jidher li lanqas ma kien soċju tal-Każin bħall-bqija ta' ħutu subien. Mhux magħruf ukoll jekk kienx idoqq xi strument. L-istess jista' jingħad għal Carmelo (Karmnu) Grech (?-?), għalkemm skont Sunny Xerri, kien idoqq il-klarinett. Jidher li, fl-1958 Pawlu kien ġa miżżewweġ u joqgħod fi triq Mensija, San Ġiljan. Dan jirriżulta mill-ktieb tal-miżati fejn hu, bħala soċju tal-istess Każin, kien diġà, jew beda, jħallas il-menswalità għal dik is-sena. Dwar ħuhom l-ieħor, Paolo (Pawlu) Grech (?-?), nafu li kien it-tieni wieħed fost l-aħwa subien wara Kelinu. Skont Sunny Xerri wkoll, għalkemm jaf li Pawlu kien idoqq il-kwartin, ma jiftakarx lilu u lil Karmnu jdoqqu fil-banda. Jidher li, fl-1951 Pawlu kien ġa miżżewweġ u joqgħod fi triq Mensija, San Ġiljan. Dan it-tagħrif ukoll jirriżulta mill-ktieb tal-miżati

Ma' l-aħwa subien 'Tal-Mugrin' inżidu wkoll lil:



Michael Xuereb (1927-8.xi.1988) li kien miżżewweġ lil Ines mwielda Grech, u li minnha kellu erbat ulied: Joe, Aida, Sunny u Raymond. Michael kien sassofonista mill-kbar u kien idoqq mal-Banda tal-RMA. Huwa miet nhar it-8 ta' Novembru 1988 fl-età ta' 61 sena.

Ġilardu (Gerald) Xerri (?-?), li jiġi missier Sunny, iżżewweġ lil Ġuża (li tiġi oħt l-aħwa 'Tal-Mugrin'). Huwa kien tgħallem idoqq il-kwartin mal-Banda ta' Stella Maris, għax dari, skont Frans, meta kont ssemmi lil din il-Banda, qisek qed issemmi l-Banda *King's Own* jew *La Valette* daqskemm kienet tajba. Għamel daqs 17-il sena jgħix 'il bogħod minn xtutna għal raġunijiet personali tiegħu.

L-awtur ta' dan l-artiklu jixtieq irodd ħajr lil Frans Grech u Sunny Xerri tat-tagħrif u r-ritratti li għoġobhom jgħaddulu biex seta' jinseġ din il-kitba riċerkata.